**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 13 ta' Lulju 2016**

**Rikors Numru: 192/2013 CSH**

**Classic Group Ltd. (C-13841)**

**vs**

**Ministru tal-Finanzi,**
**Kummissarju tat-Taxxi,**
**Direttur Generali tad-Dwana,**
**L-Avukat Generali,**
**Awtorita' Maltija dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' attrici fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-4 ta' Lulju 2013 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex prevji d-dikjarazzjonijiet mehtiega ta' din l-Onorabbli Qorti, il-konvenuti jirrilaxxjaw a favur tas-socjeta' attrici t-tliet (3) arloggi minghajr ic-cineg liema cineg huma mwahhlin mal-istess arloggi liema arloggi u c-cineg imwahhlin maghhom gew maqbuda minn ufficjali tad-Dwana u liema tliet arloggi u c-cineg imwahhlin maghhom huma deskritti pjenement fil-fattura relattiva ghall-akkwist mis-socjeta' attrici ta' tali arloggi u cineg, kopja ta' liema fattura hija hawn annessa u markata Dok. A u li dwar tali arloggi harget in-nota ta'

qbid relattiva datata 10 ta' Mejju 2013, li kopja taghha hija hawn annessa u mmarkata Dok. B.

*"**<u>Premessi:</u>***

*Is-socjeta' rikorrenti umilment tirrileva s-segwenti:*

*It-talba fuq premessa qieghda tigi intavolata a tenur tal-Artikolu 72(2) tal-Ordinanza tad-Dwana (Kapitlu 37 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta) in vista tal-fatt illi l-ufficjali tad-dwana ma kellhom ebda setgha jew awtorita' fil-Ligi jaqbdu kemm l-arloggi kif ukoll ic-cineg imwahhlin maghhom izda, semmaj, setghu biss jaqbdu c-cineg u kwindi, meta l-istess ufficjali qabdu l-arloggi wkoll huma kienu qeghdin jagixxu minghajr ebda bazi legali u wkoll (u minghajr pregudizzju), ultra vires stante illi l-intimati jew min minnhom u l-ufficjali taghhom ma kellhom u ma ghandhom ebda setgha jew setghat fil-ligi illi jaqbdu tali arloggi u dana kif ser jigi ippruvat fil-kors tal-kawza u dana stante, inter alia, r-ragunijiet li gejjin:*

1. *Illi c-cineg imwahhlin mal-arloggi in kwistjoni huma tal-materjal "alligator missippiensis". Illi a tenur tar-Regolament tal-Kunsill 338/97 kif sussegwentement implimentat f'Malta permezz tal-Avviz Legali numru 236/2004, sabiex jiddahhlu dawn ic-cineg f'Malta, in vista tal-materjal taghhom illi huwa speci illi jaqa' fil-parametru tar-Regolament, iridu jkunu akkumpanjat b'import permit taht il-Konvenzjoni dwar il-Kummerc fi Speci Mhedda ta' Fawna u Flora Selvagg, maghruf bhala (u aktar 'il quddiem imsejjah) "permess CITES".*

2. *Illi r-Regolament tal-Kunsill 338/97 huwa r-Regolament dwar il-Harsien ta' Speci ta' Fawna u Flora Selvagg illi jirregola l-kummerc*

*tal-istess Speci ta' Fawna u Flora Selvagga u kwindi palezement jaqa' taht il-kappa tad-Dritt Ambjentali.*

3. *Illi l-Avviz Legali numru 236/2004 huwa mahrug taht l-Att dwar il-Harsien tal-Ambjent (Kapitlu 435 tal-Ligijiet ta' Malta) u kwindi jaqa' wkoll palezement taht il-kappa tad-Dritt Ambjentali.*

4. *Illi in oltre l-Avviz Legali numru 236/2004 jistipula illi l-Awtorita' Maltija dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (aktar 'il quddiem imsejha "l-MEPA") hija l-Awtorita' Amministrattiva ai fini tal-istess Regolament.*

5. *Illi kwindi jirrizulta bl-aktar mod lampanti illi s-sistema ta' import permits taht ir-regim CITES hija wahda purament u esklussivament illi taqa' taht is-sistema ta' Dritt Ambjentali.*

6. *Illi ghal ragunijiet totalment estraneji mill-kontroll tas-socjeta' rikorrenti konsistenti fil-fatt illi effettivament is-socjeta' rikorrenti ma kenitx taf illi l-arloggi kienu sejrin jintbaghtu Malta meta effettivament intbaghtu – u dana kif ser jigi ampjament ippruvat fil-kors tal-kawza – meta c-cineg de quo waslu Malta (imwahhlin mal-arloggi fuq elenkati) dawn ma kinux akkumpanjati minn CITES import permit u meta s-socjeta' rikorrenti marret tapplika ghal hrug ta' tali permit mal-Awtorita' intimata, dan gie michud mill-istess Awtorita' intimata. Sussegwentement, din l-istess Awtorita' harget ordni illi jigu maqbduin* ***<u>ic-cineg biss</u>*** *– u dana kif jirrizulta ampjament car mid-dokument hawn anness u mmarkat* ***<u>Dok. C</u>****. Illi dawn l-istess cineg, madankollu, kienu forniti b'certifikat ta' esportazzjoni (CITES export permit) kif jitlob ir-Regolament u l-legislazzjoni relattiva.*

7. *Illi minkejja dan kollu, l-ufficjali tad-dwana qabdu kemm ic-cineg kif ukoll l-arloggi illi kienu mwahhlin mac-cineg u l-istess ufficjali tad-*

*dwana ippruvaw jiggustifikaw dan il-qbid billi jibbazawh fuq l-Artikolu 60 (b) tal-Kapitlu 37 tal-Ligijiet ta' Malta (Edizzjoni Riveduta).*

*Illi dan l-Artikolu jghid:-*

*60. Bla hsara ta' dak li jinghad espressament f'ligijiet ohra,*
*OMISSIS*
*(b) jekk oggetti li taghhom hija ipprojbita l-importazzjoni jigu importati jew imdahhlin f'xi parti ta' Malta*
*OMISSIS*

*F'kull kaz bhal dan, l-oggetti hawn fuq imsemmija ghandhom jigu kkonfiskati, flimkien mal-oggetti l-ohra kollha li jkunu jinsabu ppakkjati maghhom, jew li jkunu gew uzati biex jahbuhom.*

8. *Illi c-cineg in kwestjoni m'humiex "oggetti illi taghhom hija ipprojbita l-importazzjoni ... F'xi parti ta' Malta" u dana stante r-ragunijiet segwenti:-*
   a. *Jirrizulta car mill-artikolu illi l-istess artiklu qieghed palezement jipprojbixxi l-importazzjoni ta' oggetti illi jkunu ddahhlu Malta b'kuntrabandu jew oggetti illi jkunu b'xi mod jew iehor frawdolenti importati jew imdahhlin f'Malta ghall-pregudizzjoni tal-oneri doganali u/jew obbligi oneri fiskali ohrajn. Certement, ic-cineg in kwistjoni ma jaqghux taht din il-kategorija tant illi, kif sejjer jirrizulta mill-provi, ma kien hemm l-ebda dovut fiskali illi ma thallasx mis-socjeta' rikorrenti. Illi kif gie umilment suespost, l-import permit taht ir-regim CITES jaqa' esklussivament fir-regim tad-Dritt Ambjentali u kwindi l-Artikolu 60 ma jistax jintuza mill-ufficjali tad-dwana sabiex jiggustifikaw il-qbid minnhom tal-arloggi ghax dan l-Artikolu 60 japplika esklussivament fil-kaz ta' evazjoni doganali jew fiskali u attivitajiet illeciti ohrajn relattivi.*

*b. Minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, ic-cineg in kwistjoni setghu jiddahlu f'Malta u bl-ebda mod huma projbiti, pero' ghandu jkunu akkumpanjati b'CITES import permit. Tabilhaqq, dan ifisser illi hemm procedura ta' licenzjar illi, pero' ma tfissirx illi l-importazzjoni tal-prodott hija projbita.*

*c. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju, ic-cineg ghadhom ma ddahhlux Malta jew f'xi parti ta' Malta u kwindi ghadhom ma iddahhlux Malta.*

9. *Illi mis-suespost jirrizulta illi c-cineg tal-arloggi in kwistjoni m'humiex u ma jistghux jitqiesu "oggetti projbiti" u kwindi l-intimati jew min minnhom ma jistghux jistriehu fuq il-poter illi jaghti l-Artikolu 60 lill-ufficjali tad-dwana illi jaqbdu l-"oggetti l-ohra kollha li jkunu jinsabu ppakkjati maghhom, jew li jkunu gew uzati biex jahbuhom". Kwindi l-intimati jew min minnhom ma kellhom u ma ghandhom l-ebda setgha fil-Ligi illi jaqbdu l-arloggi illi maghhom kien hemm (u ghad hemm) imwahhlin ic-cineg illi suppost gew esklussivament maqbudin skond l-ordni tal-MEPA.*

10. *Illi ghaldaqstant kellha ssir din il-kawza stante illi l-intimati jew min minnhom u l-ufficjali taghhom agixxew minghajr ebda setgha mil-Ligi u fi kwalunkwe kaz ultra vires meta qabdu l-arloggi illi maghhom kienu mwahhlin ic-cineg illi dwarhom kien hareg ordni ta' qbid mill-awtorita' intimata l-MEPA u dawn il-proceduri gew intavolati wara illi nghata l-avviz bil-miktub a tenur tal-Artikolu 72 (2) tal-Kapitlu 37 tal-Ligijiet ta' Malta (kopja ta' liema hija hawn annessa u markata* ***Dok. D****).*

*Ghall-finijiet ta' kompetenza, qieghed jigi prezenzjalment dikjarat illi l-valur tal-arloggi maqbuda huwa ta' sebat elef u hamsa u disghin frank svizzeru (CHF 7095) illi huwa ekwivalenti ghal hamest elef seba' mija u*

*hamsa u sebghin ewro u erbgha u tletin centezmu (€5,775.34) u dana skont ir-rati tal-kambju mahrugin mill-Bank Centrali Ewropew nhar it-3 ta' Lulju, 2013, kopja ta' liema hija hawn annessa u markata* ***Dok. E****. Illi anke jekk ma' din is-somma tizdied it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud pagabbli fuq l-istess arloggi (fl-ammont ta' elf u disgha u tletin ewro u sitta u hamsin centezmu (€1,039.56)) u l-imponibbli doganali fl-ammont ta' tnejn fil-mija (2%) (illi jammonta ghal mija u hmistax-il ewro u hmistax-il centezmu - €115.15) is-somma totali tibqa' fil-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti.*

*Jigi dikjarat in oltre illi din il-kawza qieghda tigi prezentata minghajr ebda pregudizzju ghal kwalunkwe rimedju iehor fil-Ligi illi hija spettanti jew tista' ssir spettanti lis-socjeta' rikorrenti, inkluza kawza ghad-danni sofferti mis-socjeta' rikorrenti stante l-agir abbuziv tal-intimati jew min minnhom."*

Rat ir-risposta tal-Ministru tal-Finanzi, tal-Kummissarju tat-Taxxi, tad-Direttur Generali (Dwana) u tal-Avukat Generali li giet prezentata fid-19 ta' Awissu 2013 fejn eccepew:

1. *"Illi in linea preliminari, il-Ministru tal-Finanzi, il-Kummissarju tat-Taxxi u l-Avukat Generali mhumiex il-legittimi kontradittur fir-rigward tal-azzjoni odjerna ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kap 12 u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;*
2. *Illi in linea preliminari wkoll, ghandu jigi iccarat li l-azzjoni odjerna kellha tigi intavolata permezz ta' rikors u dan ai termini tal-Artikolu 72 tal-Kap 37;*
3. *Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet tal-kumpanija rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:*

*(i) Illi l-fatti tal-kaz huma s-segwenti:*

- *Illi fit-2 ta' Ottubru 2012, fis-Sezzjoni tad-Dwana maghrufa bhala l-Airfreight Section f'Hal Luqa, waslet merkanzija konsistenti f'tlett arloggi tal-idejn bic-cineg taghhom imwahhlin mal-istess arloggi. Dawn l-arloggi kellhom ic-cineg taghhom maghmulin mill-gilda ta' alligator, liema annimal hu protett taht il-Konvenzjoni hekk imsejjha tas-CITES;*
- *Jirrizulta li dawn ic-cineg imwahhlin mal-arloggi rispettivi taghhom gew importati mill-kumpannija rikorrenti Classic Group Limited;*
- *Illi l-imsemmija cineg tal-gilda kien jehtieg li jkollhom certifikat ai termini tal-Konvenzjoni tas-CITES, liema Konvenzjoni ghandha l-ghan sabiex ikun hemm kontroll effettiv tal-uzu ta' glud minn certu speci ta' annimali protetti b'dik l-istess Konvenzjoni;*
- *Illi Malta hija firmatarja tal-imsemmija Konvenzjoni u l-awtorita' kompetenti f'dan ir-rigward hija l-Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar;*
- *Illi fic-cirkostanzi tal-kaz, l-esponent ta struzzjonijiet biex il-konsenja kollha tinzamm peress li dan kien tentattiv biex jigu importati oggetti ristretti, u cioe' gilda tal-annimal li ma kienux koperti bid-dokumentazzjoni apposita;*
- *Ghalhekk peress li rrizulta li kien hemm ksur tal-provvedimenti tal-Kap 37 inharget in-Nota ta' Qbid bin-numru ta' referenza 25/2013.*

4. *Illi permezz tan-Nota ta' Qbid numru 25/2013, l-esponent qabad parti mill-merkanzija li kienet deskritta bhala:*

   A. *One stainless steel watch on alligator strap Aqua Terra 150 Omega co-axial automatic chronometer cal white dial;*

B. *One stainless steel watch on alligator strap watch Seamaster Planet Ocean 600 Omega co-axial automatic chronometer chronograph cal black dial;*
C. *One stainless steel watch on alligator strap watch Speedmaster automatic chronometer chronograph cal white dial;*

*Liema merkanzija originat mill-Isvizzera u kienet indirizzata lill-kumpanija rikorrenti. Illi irrizulta li l-imsemmija kumpanija ma kienetx ipprezentat ic-certifikat fit-terminu kif kienet obbligata li taghmel skont il-ligi f'kaz ta' oggetti li ghandhom gilda tal-annimali protetti ai termini tal-Konvenzjoni tas-CITES;*

- *Illi peress li jirrizulta car li dawn it-tlett arloggi ma kienux koperti b'certifikati appositi in anticipo tal-wasla taghhom f'Malta kif jitolbu ir-regolamenti tas-CITES, dawn kienu oggetti li l-importazzjoni taghhom kienet projbita ai termini tal-Artikolu 60(b) tal-Kap 37;*

5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti bir-rispett jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tal-kumpanija rikorrenti kif dedotti bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt minhabba l-fatt li l-merkanzija in kwistjoni inqabdet ai termini tal-Artikoli 60 tal-Kap 37; bl-ispejjez."*

Rat ir-risposta tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li giet ipprezentata fit-22 ta' Awissu 2013 fejn eccepiet:

1. *"Illi fl-ewwel lok, u in linea preliminari, jigi eccepit illi l-eccipjenti mhiex il-legittimu kontradittur f'din il-vertenza in kwantu jirrizulta bic-car, anke mill-mod illi bih gew postulati l-premessi u t-talbiet attrici, illi l-lanjanza tar-rikorrenti hija diretta fil-konfront tal-intimati l-ohra u l-*

*agir allegatament imwettaq mill-istess; in effetti t-talba tas-socjeta' rikorrenti hija fis-sens illi jigu rilaxxjati "it-tliet arloggi minghajr ic-cineg" u l-Awtorita' eccipjenti kienet responsabbli biss ghal hrug tal-ordni ghall-qbid tac-cineg u tal-arloggi in kwistjoni u mhux ukoll ghall-arloggi illi qieghed jintalab r-rilaxx taghhom permezz tal-proceduri de quo. Illi fi kwalunkwe kaz, il-qbid u/jew konfiska ta' oggetti illi jigu importati gewwa Malta, huma funzjonijiet illi skond it-Taqsima XII tal-Kap. 337 jaqghu fil-mansjoni tal-ezercizzju tal-poteri tad-Dipartiment tad-Dwana u mhux tal-Awtorita' eccipjenti u ghaldaqstant ir-rimedju illi qieghed jintalab mis-socjeta' rikorrenti permezz tal-odjerni proceduri, ossia illi jigu rilaxxjati l-arloggi in kwistjoni, ma jista' qatt jintalab u/jew jinkiseb mill-Awtorita' eccipjenti. Ghaldaqstant, in vista tal-premess, l-Awtorita' eccipjenti ghandha tigi illiberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li m'hijiex il-legittimu kuntradittur, bl-ispejjez kontra l-attrici.*

2. *Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi eccepit, dejjem in vena preliminari, illi l-odjerna azzjoni hija monka in kwantu l-att promutorju illi bih giet proposta din il-kawza kellu jkun permezz ta' rikors ai termini tal-artikolu 72 tal-Kap 37.*

3. *Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-sueccipit, l-allegazzjonijiet tas-socjeta' rikorrenti huma pjenament infondati fil-fatt u fid-dritt u dan inter alia minhabba r-ragunijiet illi jsegwu li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:*

*Illi in succint, il-fatti tal-kaz huma s-segwenti:-*

i. *Illi fit-2 ta' Ottubru 2012, waslet merkanzija fis-Sezzjoni tad-Dwana maghrufa bhala l-Airfreight Section f'Hal Luqa. Tali merkanzija kienet tikkonsisti minn tlett arloggi tal-idejn bic-cineg taghhom imwahhlin mal-istess arloggi. Dawn l-istess cineg kienu*

*maghmulin mill-gilda ta' alligator, liema animal hu protett taht il-Konvenzjoni hekk imsejjha tas-CITES.*

ii. *Illi jirrizulta illi dawn l-arloggi bic-cineg imwahhlin maghhom gew importati mis-socjeta' rikorrenti.*

iii. *Illi minn spezzjoni imwettqa mis-CITES team fi hdan l-Awtorita' eccipjenti irrizulta illi c-cineg tal-imsemmija arloggi ma kienux koperti bis-CITES import permit illi kien necessarju illi s-socjeta' rikorrenti tottjeni qabel il-wasla tal-istess oggetti gewwa Malta, u dan bi ksur tal-istess Konvenzjoni tas-CITES, li hija intiza illi tirregola u tikkontrolla l-uzu ta' glud minn certu speci ta' annimali protetti bl-istess Konvenzjoni.*

iv. *Fic-cirkostanzi, l-eccipjenti tat struzzjonijiet sabiex jinzammu l-cineg tal-gild imwahhlin mal-istess arloggi filwaqt illi d-Dipartiment tad-Dwana ordna illi tinzamm il-konsenja kollha peress illi dan kien tentattiv sabiex jigu importati oggetti ristretti, u cioe' gilda tal-annimal li ma kienux koperti bid-dokumentazzjoni apposita.*

v. *Illi ghaldaqstant, permezz ta' Nota ta' Qbid bin-numru ta' referenza 25/2013, id-Dipartiment tad-Dwana qabad parti mill-merkanzija li kienet deskritta bhala:*

A. *One stainless steel watch on alligator strap Aqua Terra 150 Omega co-axial automatic chronometer cal white dial;*

B. *One stainless steel watch on alligator strap watch Seamaster Planet Ocean 600 Omega co-axial automatic chronometer chronograph cal black dial;*

C. *One stainless steel watch on alligator strap watch Speedmaster automatic chronometer chronograph cal white dial;*

vi. *Tali merkanzija originat mill-Isvizzera u kienet indirizzata lis-socjeta' rikorrenti. Irrizulta illi qabel l-wasla tal-istess arloggi –*

*bic-cineg taghhom maghmulin minn gilda tal-annimali protetti ai termini tal-Konvenzjoni – is-socjeta' rikorrenti ma kienetx applikat ghall-ottjeniment tas-CITES import certificates necessarji sabiex l-import tal-istess cineg ikun jista' jigi permess gewwa Malta.*

vii. *Illi ghaldaqstant, in vista tal-fatt illi c-cineg tat-tlett arloggi in kwistjoni ma kienux koperti bis-CITES import certificates appositi in anticipo tal-wasla taghhom gewwa f'Malta, hekk kif jitolbu r-Regolamenti tas-CITES (senjatament ir-regolamenti impost fl-EU Council Regulation 338/1997 u r-regolamenti imposti fil-Commission Regulation 1808/2001) u r-regolamenti tal-Avviz Legali 236/2004, l-importazzjoni tal-istess oggetti gewwa Malta kienet projbita ai termini tal-Artikolu 60(b) tal-Kap. 37.*

4. *Ghaldaqstant huwa car illi t-talbiet attrici fil-konfront tal-eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici.*
5. *Salvi jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ossia risposti ulterjuri."*

Rat is-sentenza taghha tat-8 ta' Jannar 2014 (fol. 33) esebita fl-atti moghtija fl-ismijiet premessi minn din l-istess Qorti fejn iddikjarat li l-konvenuti kollha salv ghal konvenut Direttur Generali tad-Dwana m'humiex il-legittimi kontradditturi tas-socjeta' attrici u lliberathom mill-osservanza tal-gudizzju u astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-kawza fil-konfront tal-konvenut Direttur Generali tad-Dwana u dan billi cahdet it-talba attrici fil-konfront tieghu u dan ghaliex iddikjarat li l-proceduri huma monki.

Rat is-sentenza moghtija fl-ismijiet premessi nhar is-26 ta' Novembru 2014 mill-Qorti tal-Appell fejn laqghet l-Appell interpost mis-socjeta' attrici bili irriformat is-sentenza appellata billi ikkonfermatha f'dik il-parti fejn l-

intimati Ministru tal-Finanzi, Kummissarju tat-Taxxi, Avukat Generali u Awtorita ta' Malta Dwar l-Ambjent u Ippjanar gew illiberati mill-osservanza tal-gudizzju u rrevokatha fil-bqija.

Rat illi l-atti tal-kawza regghu gew rinvjati quddiem din il-Qorti u dan sabiex din il-Qorti tkompli tittratta t-talba attrici fl-ambitu tal-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-intimat Direttur Generali tad-Dwana.

Rat illi din il-Qorti b'digriet taghha tat-18 ta' Dicembru 2014 appuntat dan ir-rikors ghas-smiegh mill-gdid quddiemha u dan sabiex tkompli tisma' l-provi dwar l-eccezzjonijiet l-ohra enumerati 3, 4 u 5 tal-intimat Direttur Generali tad-Dwana fuq il-mertu.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-partijiet.

Rat ix-xhieda ta' **Stephen Fenech** moghtija nhar it-18 ta' Marzu 2015 (fol. 53) fejn spjega illi huwa jokkupa l-kariga ta' Direttur tas-socjeta' rikorrenti u fost affarijiet ohra jiehdu hsieb kemm l-affarijiet li jirrigwardaw is-shipping kif ukoll dawk tal-finanzi. Jiftakar li nhar it-tnejn l-1 ta' Ottubru 2013 kienu ircevew telefonata minghand il-*Lufthansa Special Cargo* tal-airport li kellhom '*valuable*' diehel. Spjega illi meta huma jibghatu *shipments* ta' gojjelli jew arloggi jew meta jircievu tali oggetti ta' valur, jircevuhom b'sistema ta' '*valuable cargo*' fis-sens illi huma jmorru fuq ir-*runway* tal-ajruport minn fuq gewwa u ikun hemm tad-Dwana jistennewhom u l-konsenja issir dak il-hin. Naturalment l-ufficcjali kollha ikunu miftehma. Naturalment trid thallas il-VAT u d-duty kollu qabel ma tkun tista' tigbor l-oggett prezzjuz.

Jiftakar li dakinhar tal-1 ta' Ottubru meta ircevew din it-telefonata mill-Lufthansa ma kienux jafu ezattament liema parcel kien wasal u talbuhom airway bill u dan sabiex ikunu jafu minn fejn origina dan l-oggett. Jghid li

din kienet ordni li giet originarjament mill-Isvizzera u kienu uzaw ajruplan mill-Isvizzera ghal Frankfurt u in segwitu minn Frankfurt ghal Malta. Innotaw li l-valur ta' l-oggett li kien gej Malta kien ta' tmenin elf ewro (€80,000) u immedjatament il-persuna responsabbli ghax-shipping fis-socjeta' rikorrenti ghamlet kuntatt mad-Dwana sabiex jgharrfuhom sabiex ikunu hemm hekk fuq ir-runway bil-ghan li jkunu jistghu jirtiraw l-oggett mibghut lilhom. Huma ghalhekk marru u hallsu id-duties inkluz il-VAT. Marru ukoll sabiex ihallsu c-certifikat tas- CITES minkejja li l-ufficcju tas-CITES jaghlaq f'nofsinhar. Qal li huma kellhom jottjenu c-certfikat tas-CITES ghaliex meta kienu talbu l-invoice tal-pakkett li kien wasal Malta irrejalizzaw li kien hemm tlett arloggi li kellhom '*leather straps*' u meta ikun hemm '*leather straps*' huma iridu ikollhom dan ic-certifikat. Qal li dan ic-certifikat tas-CITES ikun jinsab fil-pakkett ippakjat u huma jmorru bil-kopji ta' dan ic-certifikat sabiex ihallsu pagament ta' €11.65 sabiex l-ufficcju tas-CITES ta' Malta tohrogilhom certifikat sabiex ic-certifikat anness mal-pakkett ikun validu u b'hekk tkun tista' ssir l-importazzjoni skond il-ligi. Qal li f'dan il-kaz partikolari kien hemm l-export certificate tas-CITES.

Meta marru sabiex ihallsu fl-ufficcju tas-CITES hawn Malta l-ufficju kien maghluq, ghalhekk marru l-airport sabiex ihallsu d-duties u l-VAT dovuti li kienu jammontaw ghal €13,000 u in segwitu marru fuq ir-runway biex jippikkjaw dawn il-valuables. L-Ufficcjal tad-Dwana ivverfika u ccertifika li kien hemm ic-CITES certification, invoices u l-VAT kollu mhallas. Spjegawlu li huma kienu gew mgharrfa li ser jasal il-pakkett hawn Malta fil-11.00 a.m. u li ma setghux jottjenu c-certifikati tas-CITES ta' Malta ghaliex l-ufficju kien maghluq. Qal li l-ufficcini tas-CITES hawn Malta jifthu jum it-Tnejn, l-Erbgha u l-Gimgha. Ghalhekk kellhom jistennew sa jum l-Erbgha.

Mistoqsi jekk kienx hemm xi okkazzjoni meta kellhom ihallu l-valuable f'idejn id-Dwana ghaliex ma kienux jistghu jirtirawh jghid li kien hemm u jew ihalluh f'idejn l-ufficcjali tad-Dwana jew l-ufficcjal tad-Dwana tissigillah u ittihulhom u l-ghada jew meta ikunu jistghu huma, johduh ghand l-ufficcju tal-MEPA fejn hemm l-ufficcju tas-CITES sabiex jinhareg dan ic-certifiat tas-CITES u wara jergghu jitilghu l-ajruport sabiex jigi certifikat.

F'dan il-kaz pero' l-*valuable* baqa' ghand tad-Dwana sakemm ikollhom ic-certifikat tas-CITES f'idejhom. Wara certu zmien ghaliex kellhom xi appuntamenti ohra, l-ufficjali ta' l-ufficcju tas-CITES infurmaw lil tad-Dwana sabiex ma jirrilaxxjawx dan l-oggett. Huma ma fhemux x'kienet ir-raguni u tad-Dwana kkonfiskaw dawn l-istess oggetti. Qal li l-ufficcju tas-CITES jidhol biss fir-rigward l-leather straps ta' l-arloggi u l-arloggi *per se* m'ghandhomx x'jaqsmu. Huwa staqsihom jekk riedux izommu l-*leather straps* u jirrilaxxjaw l-arloggi pero' l-membri tal-ufficcju tas-CITES ma riedux minkejja li skond l-ufficcjali tad-Dwana kollox kien regolari tant li thallas ukoll il-pagament tal-VAT fuqhom.

Muri d-dokument immarkat bhala Dok C jghid li dan huwa d-dokument li permezz tieghu thallas id-Dwana u li jirrizulta mit-timbru li hemm fuqu. Muri dokument iehor a fol 6 u 7 ta' l-atti u jghid li din hija l-invoice li turi li l-oggetti li kienu waslu hawn Malta bil-valur ta' kull oggett individwali inkluz dawk mertu tar-rikors odjern. Spjega illi meta huma jaraw il-kelma 'alligator' jew 'leather strap' huma jitolbu l-kopja tas-CITES mal-oggetti li jkun gej min barra sabiex hawn Malta ihalsu €11.65 lill-ufficju tas-CITES sabiex ikunu jistghu jirtiraw l-oggett.

Bhala procedura s-soltu is-socjeta' estera tibghat l-invoice minn qabel sabiex huma jkunu jistghu jottjenu l-clearance qabel ma' l-oggett jasal

hawn Malta u jottjenu l-clearances kollha. F’dan il-kaz ma sarx hekk ghaliex l-invoice wasal flimkien mal-merkanzija.

Mistoqsi jekk ittiehdux passi kriminali fil-konfront taghhom jghid li iva a bazi tal-Avviz Legali tad-Dwana talli dahlu hawn Malta oggetti li ma kienux iddikkjarati qabel. Qal li dakinhar f’idejhom ma kellhomx ic-certifikat tas- CITES ghaliex l-ajruplan kien diga’ qieghed fl-ajru meta gew avzati illi l-oggett ta’ valur kien ser jasal hawn Malta.

Qal li l-ufficcju tas-CITES juzawh matul is-sena kollha u b’mod regolari u ghalhekk huma familjari mar-regolamenti tas-CITES. Mistoqsi jekk l-istraps kienux imwahla mal-arloggi jghid li iva naturalment bil-pin taghhom. L-ordni in kwistjoni kienet giet maghmula xi sitt xhur jew sebgha qabel l-wasla taghhom hawn Malta.

**Paul Fenech** Direttur tas-socjeta’ rikorrenti xehed nhar it-18 ta’ Marzu 2015 u qal li huwa kien dahal fil-kaz meta kien gja sehh u cioe’ meta l-oggetti ta’ valur kienu diga’ waslu hawn Malta. Huwa ma ndahalx dirett fl-operazzjoni pero’ naturalment segwiha mill-qrib tant li sahansitra kellu ukoll diskussjonijiet mad-Dwana kif ukoll mal-ufficcju tas-CITES tal-MEPA dwar il-kaz in kwistjoni. Qal li meta tkun qed tircievi affarijiet ta’ valur, bhala cargo dawn jinhargu direttament mir-runway mil-pilota tal-ajruplan u jekk fuq ir-runway ma jkun hemm hadd jistenna l-oggett dan jerga’ lura fuq l-ajruplan u jitlaq bl-istess ajruplan li jkun wasal. Naturalment b’konsegwenza ta’ spejjez kbar kif ukoll riskju fuq ix-shipment tal-oggett u ghalhekk f’dan il-kaz gew notifikati li siegha wara kienet ser tasal din il-merkanzija ghaliex l-oggett kien gja fl-ajru fuq l-ajruplan huma kienu taht pressure biex dan il-pakket jigi accettat.

Huma jircievu pakketti ta’ valur ta’ spiss u dan matul is-sena kollha, darbtejn jew tlett darbiet fil-gimgha. Hafna drabi ir-rapprezentanti tal-

ufficcju tas-CITES ma jkunux disponibbli u ghalhekk f'kazijiet bhal dawn bi ftehim mad-Dwana u mal-MEPA il-pakkett jigi ssigillat u jew izommuh tad-Dwana jew hafna drabi izommuh huma stess. Qal li bejnhom u bejn id-Dwana u l-MEPA hemm relazzjoni ta' xoghol.

Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx hemm okkazzjonijeit ohra fejn talbu c-certfication tas-CITES anke fi zmien iqsar minn gimaghtejn qabel ma jasal l-oggett hawn Malta jghid li fil-fatt dan sar ta' spiss minhabba r-relazzjoni tajba ta' bejniethom. Qal li f'dan il-process hemm involuti hafna idejn qabel ma l-oggett jasal ghandhom u jekk ikun hemm xi nuqqas huma li ser isofru. Spjega illi fil-katina hemm is-shipping agent ta' barra li xogholu huwa li jircievi l-pakkett u jghaddih lill-airline u dan l-agent jiehu hsieb id-dokumentazzjoni kollha u li jigu mibghuta flimkien mal-pakkett. F'dan il-kaz il-missing link kienet ghaliex huma ma gewx avzati minn qabel dwar din il-konsenja. Qal li d-dwana kien kollu imhallas u minkejja dan fil-kaz odjern ma kienx hemm flexibility u l-oggett inzamm mid-Dwana ghaliex ma kienx hemm dan ic-certifikat tas-CITES. Fil-passatt f'kazijiet bhal dawn id-Dwana kienet izzomm ic-cineg u mhux l-arloggi ukoll.

In segwitu ighid li bdew id-diskussjonijiet mad-Dwana. L-ufficcju tas-CITES kien infurma lid-Dwana li huma kienu interessati biss fic-cineg. Muri d-dokument immarkat bhala Dok C a fol. 10 fejn hemm indikat li s-CITES kienu interessati biss fic-cineg u ghalhekk fid-diskussjonijiet li kien hemm mal-MEPA huma xtaqu biss izommu c-cineg tal-arloggi. Qal li ghal perjodu ta' sitt xhur ma semghu xejn aktar minghand id-Dwana. Qal li d-Dwana gabulu esempju li jekk karozza tkun diehla bid-drogi izommu l-karozza ukoll flimkien mad-drogi u ghalhekk dehrilhom li kellhom izommu l-arloggi mac-cineg minkejja li hass li ma kien hemm l-ebda rassomiljanza bejn l-ezempju u l-kaz taghhom u dan ghaliex l-oggett li kien diehel fil-pajjiz kien wiehed awtorizzat u legali. In oltre t-taxxi u l-VAT kienu gja

imhallsa. L-unika haga kienet li ma kien hemm mkien ic-certfikat tas-CITES peress li dakinhar l-ufficcju ghalaq f'nofsinhar.

Qal li in segwitu inzammet xi laqgha u ghaliha kien hemm prezenti ukoll l-avukat tieghu pero' minkejja dan l-oggetti ghadhom mizmuma sa illum minkejja li l-ufficcjali tal-ufficcju tas-CITES iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li huma jirtiraw l-arloggi u huma jzommu c-cineg. Qal li gieli kienu jimportaw cineg bla arloggi u dawn huma special orders wahdiet fejn ikollhom ic-certifikat tas-CITES.

Illi nhar il-25 ta' Novembru 2015 rega' xehed **Paul Fenech** in kontro-ezami (fol. 102) u kkonferma li din ma kinitx l-ewwel darba li ghamlu applikazzjoni mas-CITES anzi jghid li japplikaw b'mod regolari stante li l-oggetti li jimportaw jirrikjedu tali permessi. Qal li effettivament jaf li bhala procedura hemm bzonn li jkun hemm il-clearance tal-MEPA qabel ma l-oggett jigi impurtat u ghalhekk ic-certfikat tas-CITES irid jigi pprezentat lid-Dwana qabel ma jkun hemm ir-rilaxx. Huwa jipprezenta c-certifikat li jkun ircieva mill-Isvizzera sabiex imbaghad isir mirror image tieghu. Dan huwa l-export certificate li jasal Malta. Appena jasal Malta il-pakkett, imorru bic-certifikat li jkunu ircevew bhala *export certificate* tas- CITES lill-ufficcju tac-CITES hawn Malta, dan johrog certifikat kopja tieghu u jmorru id-Dwana li in segwitu johrog import certificate. Huma javzaw lid-Dwana appena jasal il-pakkett hawn Malta. Ir-rapprezentant tad-Dwana jmur maghhom fuq ir-runway sabiex huma ikunu jistghu jaccettaw il-pakkett peress li dan ikun special cargo u jingarr mill-pilota stess. Huma imbaghad javzaw lil MEPA li jkunu halsu id-dues kollha u cioe' l-*import duty* u c-CITES certificate. Tad-Dwana jiccekkjaw li l-pakkettt jkun 'in order' u li d-duty tkun gja imhalsa, imbagahd tidhol l-ufficcju tas-CITES biex jara li c-certifikat ikun kif suppost. Dan jigi pprezentat lid-Dwana u jkun hemm ir-rilaxx.

Paul Fenech rega' xehed nhar l-10 ta' Gunju 2015 fejn b'referenza ghax-xhieda li huwa ta fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2015 spjega ahjar dwar l-industrija ta' kif tahdem il-kwistjoni tal-arloggi. Ikkonferma illi l-arloggi li jimportaw jkunu hand made u l-istorja tibda meta huma jattendu fieri bazikament ta' Geneve u Basilea u waqt li jkunu fil-fiera jpoggi ordni li normalment ikopri bejn wiehed u iehor sena xoghol fil-futur. Pero' minkejja li jaghmlu tali ordni li tkopri sena bil-quddiem ma tfissirx li din l-ordni se tigi koperta kollha. Filfatt ghandhom certu kumpaniji li jipprovdu biss tletin elf arlogg ghad-dinja kollha u naturalment huwa huma li jiddeterminaw id-distribuzzjoni kif issir. Ghalhekk huma jaraw xi jkollhom available u jibghatulhom skont il-kaz u ghalhekk minhabba f'hekk huma ma jistghux jipprevedu x'arloggi gejjin meta effettivament jigu mibghuta u ghalhekk huwa aktar difficli ghalihom biex jippjanaw - kemm mill-lat ta' finanzi kif ukoll mill-lat ta' importazzjoni.

Pero' rigwardanti l-kaz in dezamina ix-xhud qal li kien aktar difficli mhux ghaliex ma kienux jafu li ser jibghatu. Normalment il-kumpanija kienu jinfurmaw gimgha qabel ikollhom xi arloggi lesti ghalihom u jitolbuhom biex jibghatulhom il-pagament u in segwitu huma jibghatu l-arloggi. Pero' f'dan il-kaz ma baghtu l-ebda komunikazzjoni u l-unika komunikazzjoni li rcevew kienet dik minghand il-Lufthansa meta l-ajruplan kien gia qieghed fl-ajru u qalulhom li xi siegha wara kienu ser jaslulna xi arloggi. Ghalhekk huma ghalkemm jaghmlu mill-ahjar biex inkunu precizi, f'dan il-kaz ma setghux jaghmlu mod iehor.

Ix-xhud zied jghid li dwar dawn l-arloggi li huma mizmuma, kellhom ic-cinga taghhom tal-gilda liema cinga facilment tissepara minn mal-arlogg. Filfatt il-MEPA kienu rrakomandaw li c-cineg jinqalghu u jinzammu biss ic-cineg u l-arloggi jigu rilaxxati. Nixtieq nghid ukoll illi sabiex huma jaghmlu s-CITES hemm bzonn li jkollna certifikat tas-Cites originali li johrog mill-exports specifiku minn Switzerland. Ghalhekk jekk huwa ha

jmur jaghmel CITES certificate il-MEPA u m'ghandux l-export certificate minn Switzerland, naturalment dan ma jsirx. Huwa sostana li f'dan il-kaz la kien jaf liem pakkett kien gej u l-exports Cites certificate kien qieghed gol-pakkett flimkien mal-arloggi u ghalhekk lanqas kieku huwa ried, ma setghax jaghmlu dan. Ic-cineg in kwistjoni kienu tad-*domestic grown lizards.* Cites certificate jiccertifika anke wara, dawn huma cineg li gew mahduma skont il-konvenzjoni tal-ambjent li tipprotegi l-annimali. L-arloggi in kwistjoni waslu bic-cineg imwahhlin.

Illi nhar id-29 ta' April 2015 xehdet **Aimee Brincat** u spjegat li tahdem gewwa l-MEPA u li tokkupa l-kariga' ta' *unit manager enforcement directorate*. Ix-xhud stqarret illi s-sezzjoni taghha kienet involuta fi spezzjoni d-Dwana fejn kienu gew identifikati tlett cineg ta' arloggi li kienu hargu minn Malta u regghu dahlu hawn Malta minghajr permessi relattivi u cioe' minghajr permess ta' CITES. Ghalhekk il-MEPA in segwitu kienet talbet id-Dwana sabiex jigu sekwestrati dawn l-istess tlett cineg. Ix-xhud giet murija d-dokument ezebit f'dawn l-atti li huwa datat 2 ta' Ottubru 2012 li jinsab inserit fl-atti a fol 8. Ix-xhud stqarret illi effettivament wara li rat d-dokumentazzjoni ezebita fl-atti ghandha bzonn li tixhed darb'ohra sabiex ggib dokumenti relattivi ghall-ispezzjoni li saret fil-presenza ta' Pauline Camilleri.

Ix-xhud **Aimee Brincat** regghet xehdet fis-7 ta' Lulju, 2015 u murija timbru li jinsab inserit fl-atti a fol. 10 tal-process, qalet li dan it-timbru jindika li hemm *watch strap* datat l-1 ta' Novembru 2012. Qalet li ghandha kopja ta' dan id-dokument fil-file taghha u kkonfermat li dan it-timbru hareg mis-sezzjoni tas-Cites. Spjegat li dan huwa timbru li jfisser illi waqt l-ispezzjoni jirrizulta li kien hemm tliet arloggi bic-cineg li kienu jirrikjedu permess biex jigu mpurtati izda li effettivament ma kellhom l-ebda permess ottjenut minn qabel u ghalhekk talbu lid-Dwana biex jissekwestraw dawn ic-cineg tal-arloggi. Spjegat li huma rrakkomandaw *seizure* u cioe' li

effettivament dawn it-tlett cineg ghandhom jibqghu mizmuma pero' mill-file taghha ma jirrizultax li effettivament id-Dwana tawhom xi *feedback*. Tikkonferma li huma talbu **biss** li jigu sekwestrati l-*watch straps*. Sostniet li dik hi l-gurisdizzjoni taghhhom u li fil-fehma taghhom l-unika haga li kienet qed tikser id-disposizzjoni tal-ligi kienu c-cineg in kwistjoni, liema cineg kienu mwahhlin mal-arloggi.

**Aimee Brincat regghet xehdet in kontro-ezami fil-15 ta' Lulju, 2015** fejn stqarret illi l-involviment taghha personali huwa limitat u dan ghaliex hija s-sezzjoni taghha li tiehu hsieb dawn l-affarijiet. Spjegat li meta rapprezentanti tas-sezzjoni taghha jmorru jaghmlu *inspection on site*, hija tiddiskuti l-kaz maghhom u jaraw xi proceduri ghandhom jittiehdu, fis-sens jekk ghandux ikun hemm xi *seizure* jew rilaxx tal-oggett. Tghid li f'dan il-kaz, wara li l-ufficjali ghamlu l-ispezzjoni relattiva taghhom u rrizultalhom li c-cineg in kwistjoni kienu tal-*alligator*, kien gie rakkomandat is-*seizure* ta' dawn ic-cineg. Qalet illi r-regolamenti taghhom huma dixxendenti mid-direttiva tal-Ewropa u mod partikolari l-Artiklu 4 (2) tad-Direttiva 338/97 li jipprovdi b'mod car *the introduction into the community of specimen of the species listed in annex B shall be subject to completion of the necessary checks and the prior presentation at the border customs office at the point of introduction of an import permit issued by a management authority of the member state of destination*.

Spjegat illi hawn Malta l-*management authority* hija l-MEPA u l-*border inspection point* huwa d-Dwana u ghalhekk il-MEPA ghandha taghmel il-verifiki necessarji taghha qabel ma tkun waslet il-merkanzija hawn Malta. Esebiet kopja tar-regolament in kwistjoni li l-Qorti mmarkat bhala Dokument X.

Sostniet li mhux kompitu taghha li titkellem dwar il-permessi li johorgu, ghax dan jaqa' taht ufficcju iehor. Kompliet li mid-dokumentazzjoni li

ghandha fil-file, ma jidhirx li kien hemm xi applikazzjoni qabel ma effettivament waslet il-merkanzija hawn Malta. Mistoqsija meta kienet l-ewwel darba li saret l-applikazzjoni fir-rigward tal-merkanzija mertu tal-kawza, tghid illi kien fil-5 ta' Ottubru tas-sena 2012 li kienu gew notifikati li effettivament il-merkanzija waslet hawn Malta. Taf li mal-applikazzjoni kien hemm attacjat certifikat mill-Awtorita' Svizzera datat l-1 ta' Ottubru 2012. Tghid li l-applikazzjoni saret ukoll fil-5 ta' Ottubru tas-sena 2012 wara li l-merkanzija kienet gja waslet Malta. Kompliet tghid li effettivament huma kienu gew mgharrfa mill-ufficjali tad-Dwana u ghalhekk ma setghux jaghmlu l-verifiki taghhom qabel ghaliex il-merkanzija waslet wara.

Waqt is-seduta tal-15 ta' Lulju, 2015 Dr. Roma D'Alessandro ghall-intimati pprezentat nota b'**affidavit ta' Oliver Zammit**, Direttur Generali (Dwana) flimkien ma' hames (5) dokumenti mmarkati OZ1 sa OZ5.

Oliver Zammit jghid li huwa jokkupa l-kariga ta' Ufficjal tad-Dwana fl-istess Dipartiment u li fit-2 ta' Ottubru 2012 huwa kien ir-Releasing Officer fis-Sezzjoni tad-Dwana maghrufa bhala l-Airfreight Section f'Hal Luqa. Ix-xhud jghid li kien qed jispezzjoni merkanzija importata f'Malta mill-kumpanija Classic Group li kellha dokument ta' importazzjoni tad-Dwana li jgib in-numru 2012601801978, relatat mal-fattura bin-numru 12-153 datata 29 ta'Settembru 2012, mibghuta mill-kumpanija Svizzera bl-isem RJM Diffusion, li kienet tkopri konsenja ta' tmienja w tletin (38) arlogg tal-idejn.

Jghid li rrizultalu li tlieta (3) minn dawn l-arloggi kelhom cineg tal-gilda mwahhla maghhom u dawn l-arloggi bl-imsemmija cineg kienu jehtieg d-debita certifikazzjoni skont ir-Regolament tal-Kunsill 338/97, qabel il-wasla tal-konsenja. Waqt l-ispezzjoni ta' dawn l-arloggi ta' origini Svizzera, kif dikjarati fid-dokumenti tad-Dwana mill-kumpanija rikorrenti

flimkien mal-fatturi relattivi li gew pprezentati mal-istess dikjarazzjoni, irrizulta li tlieta minnhom kellhom ic-cineg taghhom maghmulin minn gilda ta' annimal maghruf bhala *alligator* li hu protett skond l-imsemmija Regolament. Dawn id-dokumenti gew annessi mal-affidavit bhala Dok. OZ1 sa OZ5.

Spjega li dan l-annimal hu protett taht il-Konvenzjoni imsejha tas-CITES, li ghandha l-ghan li jkun hemm kontroll effettiv kontra l-abbuz, il-qtil u l-uzu ta' glud minn certu speci ta' annimali li jinsabu f'periklu ta' estinzjoni, u ghalhekk jaqghu taht il-protezzjoni tar-Regolamenti tal-imsemmija Konvenzjoni li tapplika fuq livell internazzjonali.

Illi ghalhekk bis-sahha ta' Regolament 2913/92 tal-Unjoni Ewropea li stabbilixxa dik li hi maghrufa bhala il-Community Customs Code, l-Artikolu 3(14) tal-istess Kodici jawtorizza lid-Dwana ta' kull Stat Membru tal-Unjoni Ewropeja, li jassigura li jkunu applikati mhux biss il-kontrolli tal-provvedimenti doganali, izda anke Konvenzjonijiet Internazzjonali, inkluz dik tas-CITES.

Ghalhekk kif jigri f'kull kaz ta' importazzjoni li tinvolvi xi parti minn animal protett li hu inkluz fil-lista tal-Iskeda 'A' tas-CITES, kien jehtieg li dawn l-arloggi bic-cineg tal-gilda tal-alligator, ikunu certifikati kif stabbilit fir-Regolamenti ta' CITES *qabel il-wasla taghhom f'Malta;* u dan ai termini tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kunsill 338/97 tal-Unjoni Ewropeja.

Kompla illi effettivment l-Ispetturi inkarigati mid-Direttorat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-MEPA inkarigati mill-harsien tal-Konvenzjoni CITES spezzjonaw l-arloggi u ccertifikaw li verament ic-cineg taghhom kienu maghmulin minn glud ta' annimal protett u ghalhekk kien jehtieg li kull

trasferiment ta' dawn l-arloggi, isir fil-parametri tar-Regolamenti tal-Konvenzjoni CITES.

Illi peress li dawn l-arloggi bic-cineg tal-glud ta' annimal protett ma kienux skond ir-regoli tas-CITES qabel il-wasla taghhom f'Malta, effettivament kienu oggetti projbiti ai termini tal-Kap. 37.

Ghaldaqstant l-imsemmija tliet arloggi bic-cineg ta' animal protett gew maqbudin mid-Dwana ai termini tal-Artikolu 60 (b) tal-Kap. 37; liema arloggi li kellhom l-imsemmija cineg imwahhlin maghhom fil-mument tal-importazzjoni, gew konfiskati skond l-imsemmi Artikolu 60(b) tal-Kap. 37.

Rat illi fis-27 ta' Jannar, 2016 xehed **Oliver Zammit in kontro-ezami.** Iddikjara li hu kien l-ufficcjal tad-Dwana li mar biex jirrilaxxja x-xoghol. Spjega li effettivament is-socjeta' rikorrenti kienu baghtu lavrant taghhom bid-dokumentazzjoni kollha, w dan ghaddihom lilu. Meta hu gie biex jirrilaxxja x-xoghol, sab li kellu bzonn it-timbru tas-CITES, ghalhekk baghat lil-lavrant ghand is-CITES u jgib it-timbru relattiv. Qal li dan qatt ma qallu li kien gia ttanta jkellem lis-CITES izda kien qallu li ma kienx jaf li kienu gejjin tliet arloggi bil-gilda tal-alligator. Sostna li l-kunsinna kien hadha l-ufficcju tad-Dwana w zammha *in safe custody* sakemm marru rapprezentanti tas-CITES li mbaghad iccertifikaw li verament it-tliet cineg kienu tal-alligator.

Sussegwentement irrilaxxja l-hamsa w tletin arlogg li ma kellhomx x'jaqsmu waqt li zamm it-tlieta l-ohra *under customs custody* ghaliex it-timbru tas-CITES kien ghadu ma giex. Ix-xhud qal li dawn it-tliet arloggi pero' kellhom l-export certificate mahrug u li effettivament il-VAT thallas fuq it-tmienja w tletin arlogg, inkluz dawk it-tlieta, ghaliex kien hemm invoice wahda. Il-karti li kien gab il-lavrant kienu ghadhom ma gewx iprocessati. Spjega li l-karti jidhlu fis-sistema tal-computer wara li

effettivament tkun waslet il-merkanzija w li l-photocopy tal-lista kienet giet mibghuta mil-lavrant pero' mbaghad huma jircievu l-invoice originali mal-pakkett minn barra. Kompla li hu kien jaf illi dawk l-arloggi ndikati fl-invoice li kellhom *alligator straps*, kellhom bzonn release mis-CITES u kien ghalhekk li m'ordnax release taghhom, peress li ma kienx hemm dokumentazzjoni tas-CITES.

Mistoqsi x'jifhem bil-kelma oggett projbit ai terminu tal-Kap 37, wiegeb li dan hu oggett li ma jistax jidhol Malta jekk ma jkollux it-timbru kif suppost. Kompla illi l-lavrant l'ghada kien qallu illi l-ufficju tas-CITES ma kienx lest li jtieh it-timbru ghaliex ma kienux applikaw minn qabel. Ix-xhud sostna li jekk ikun hemm xi telefonati jew emails dawn ma jigux mibghuta lilu izda lil ta' fuqu.

In ri-ezami x-xhud Oliver Zammit qal li fuq l-invoice li kien hadlu l-lavrant kien hemm indikati dawn it-tliet arloggi bic-cineg tal-alligator. Spjega li t-timbru tas-CITES ikun ghandhom qabel ma jkun hemm ir-*release* tal-oggett. Ic-cineg inkwistjoni kienu mwahhla mat-tliet arloggi nvoluti.

Rat illi fis-16 ta' Ottubru, 2015 is-socjeta' attrici pprezentat nota li permezz taghha pprezentat kopja ta' sentenza moghtija fl-14 ta' Jannar, 2015 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Dok. CLS1) kif ukoll kopja tas-CITES permit/certificate bin-numru 12CH083171 datat 27 ta' Settembru 2012 (Dok. CLS2).

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta rikorrenti fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-22 ta' Marzu 2016 (fol. 117) u dik responsiva tad-Direttur Generali (Dwana) prezentata nhar l-4 ta' Mejju 2016 (fol. 127).

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet Direttur Generali tad-Dwana u tas-socjeta' attrici jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-28 ta' Gunju 2016 fejn talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

**Ikkunsidrat:**

Illi s-socjeta' attrici stqarret li hija qed tibbaza it-talba taghha a bazi tal-Artikolu 72 (2) tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta in vista tal-fatt li l-ufficcju tad-Dwana qabdu tlett arloggi kif ukoll ic-cineg imwahla maghhom u ghalhekk fil-fehma taghha d-Dwana agixxiet ultra vires peress li tali ufficcjali ma kellhomx dritt izommu l-arloggi ghar-ragunijiet spjegati minnha fin-nota taghha u cioe' s-segwenti:

1. Illi ic-cineg imwahlin mal-arloggi huma ta' materjal '*alligator missippiensis'* u ghalhekk skond ir-regolament tal-Kunsill 338/97 kif sussegwentment implimentat f'Malta permezz ta' AL 236/2004 tali merkanzija kellha tkun akkumpanjata b'certfikat ta' importazzjoni taht il-Konvenzjoni dwar il-Kummerc fi Speci Mhedda ta' Fawna u Flora Selvagg maghruf bhala CITES.
2. Ghalhekk stante li l-merkanzija trid tkun akkompanjata b'certifikat mahrug minn dan l-ufficcju li jaqa' taht il-kappa Ambjentali u cioe' taht il-Kapitolu 435 tal-Ligijiet ta' Malta, hija l-Awtorita' tal-Ambjent u Ippjanar li hija l-Awtorita Amminsitrattiva ai fini ta' dan ir-regolament.
3. Illi meta dawn l-arloggi waslu hawn Malta u s-socjeta' rikorrenti marret sabiex tottjeni dan ic-certifikat tac-CITES sabet xi ostakoli ghaliex l-ufficcju kien maghluq u l-merkanzija kienet gja waslet hawn Malta u ghalhekk in segwitu l-istess ufficcju tas-CITES kien reluttanti li johrog dan ic-certifikat ghaliex sostna li din kellha taghmlu qabel ma l-merkanzija tkun Malta. Ghalhekk dan l-ufficju hareg ordni sabiex ic-cineg ta' l-arloggi ma jigux rilaxxjati kif jirrizulta mid-dokument esebit u mmarkat bhala Dok C.

4. Cio' nonostante l-ufficcju tad-Dwana qabdu u zammu t-tlett (3) arloggi li gja kellhom id-dazju imhalsa fuqhom u t-tlett cineg u dan ai fini ta' l-Artikolu 60(b) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta li l-oggett ghandu l-importazzjoni tieghu projbit hawn Malta u ghalhekk ghandu jigi konfiskat flimkien mal-oggetti l-ohra kollha li jkunu jinsabu ppakkjati maghhom jew li jkunu gew uzati biex jahbuhom.
5. Illi s-socjeta' rikorrenti qed issotni li c-cineg m'humiex oggetti li taghhom hija projbita l-importazzjoni hawn Malta.
6. Is-socjeta' rikorrenti ssostni li c-cineg jistghu jidhlu hawn Malta una volta jkunu akkompanjati mic-certifikat tas-CITES u in oltre f'dan il-kaz l-oggetti qatt ma dahlu Malta ghaliex kienu ghadhom f'idejn l-ufficcju tad-Dwana u kwindi ghalhekk ma jistghux jigu meqjusa bhala oggetti projbiti ai fini ta' dan l-Artikolu 60 (b) tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-intimat Direttur tad-Dwana isostni li l-agir tieghu huwa wiehed legittimu u jaqa' fil-parametri tal-Ligi u li huwa gustfikat li jikkonfiska it-tlett arloggi bic-cineg maghhom. Sostna li huwa minnu li kien hemm importazzjoni ta' tmienja u tletin arlogg tal-idejn u tlieta minnhom kellhom cineg tal-gilda ta' annimal protett u cioe' tal-*alligator* imwahla mal-istess arloggi li kellhom bzonn certifikat skond ir-regolament tal-Kunsill **qabel** ma jkun hemm il-wasla ta' l-istess konsenja hawn Malta.

Illi skond ir-Regolament 2913/92 tal-Unjoni Ewropea li tistabilixxi Community Customs Code, l-Artikolu 3(14) ta' l-istess kodici jawtorizza li d-Dwana ta' kull stat membru tal-Unjoni Ewropea tassigura li jkunu applikati mhux biss il-kontrolli tal-provedimenti doganali izda anke konvenzjonijiet Internazzjonali inkluz tas-CITES. Ghalhekk sostna li f'kull kaz ta' importazzjoni li tinvolvi xi parti minn annimal protett li hu inkluz fil-lista ta' l-Iskeda 'A' tas-CITES hu necessarju li l-imsemmija arloggi bic-cineg tal-gilda alligator ikunu certifikati kif stabbilit mir-regolament ta'

CITES qabel il-wasla taghhom f'Malta u dan ai termini ta' l-artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kunsill 338/97 tal-Unjoni Ewropea.

Jghid li stante li l-ufficcjali ta' l-ufficcju tas-CITES spezzjonaw l-arloggi u ccertifikaw li verament ic-cineg taghhom kienu maghmulin minn glud ta' annimal protett, ghalhekk kien jehtieg li kull trasferiment ta' dawn l-arloggi ta' l-idejn bic-cineg maghhom isir fil-parametri tar-Regolamenti tal-Konvenzjoni CITES. U stante li dawn l-arloggi bic-cineg ma kinux skond ir-regolament tas-CITES qabel il-wasla taghhom f'Malta, ghandhom jigu kunsidrati bhala oggetti projbiti ai termini tal-Kap 37 u ghalhekk tordna il-konfiska taghhom.

Bhala fatti jirrizultaw is-segwenti u dawn *ut sic* ma jirrizultawx li huma konstestati:-

a. Illi s-socjeta' rikorrenti xtaqet timporta tmienja u tletin arlogg tal-idejn mill-Isvizzera kif indikat fid-dokument immarkat bhala Dok OZ-2 a fol. 75 u tlieta minnhom kellhom cineg tal-alligator imwahlin maghhom kif murija fid-dokument a fol. 78. 79 u 80.
b. Illi jirrizulta li s-socjeta' rikorrenti ghalkemm kienet taf li kellha tipprezenta certifikat tas-CITES qabel ma l-merkanzija deskritta fir-Regolament tal-Kunsill 338/97 tasal hawn Malta naqset li taghmel dan – kienet x'kienet ir-raguni.
c. Illi minkejja dan, is-socjeta' rikorrenti halset id-dazju fuq l-arloggi kollha inkluz dawn it-tlieta (vide Dok OZ–1) u ghalhekk zgur li ma jistax jinghad li dawn l-arloggi jistghu jigu kunsidrati bhala oggetti pprojbiti li jidhlu Malta.
d. Illi pero' stante li is-socjeta' rikorrenti ma pprezentatax dan ic-certifikat qabel l-wasla taghhom hawn Malta l-intimat qed isotni li l-arloggi ghandhom jigu kunfiskati bic-cineg.

e. Jirrizulta li kemm-il darba s-socjeta' rikorrenti importat cineg wahdehom bla arloggi imwahla u ma kienx hemm problemi dwar dan.
f. Illi skond ir-rapprezentant ta' l-ufficcju tac-CITES Oliver Zammit, l-ordni li huwa ta kien li jinzammu ic-cineg stante li ma kienux skond ir-regolament QATT ma ta xi ordni sabiex jinzammu l-arloggi.

Ghalhekk din il-Qorti trid tqis jekk l-azzjoni li ha l-intimat sabiex jikkonfiska t-tlett arloggi bic-cineg kinitx wahda legittima u taqax fil proporzjonalita' tal-mizura meta effettivament id-dazju fuq l-arloggi kienet gja imhalsa u li c-cineg biss ghalhekk ma kellhomx l-importazzjoni skond ir-Regolament tal-Kunsill stante li ma kienx hemm ic-certifikat tas-CITES.

M'hemmx dubju li r-regolament tas-CITES huwa regolament li jaqa' fil-parametru tad-Dritt Ewropew u wiehed mill-principji bazilari tad-Dritt Ewropew u derivanti mill-artikolu 5 tal-EC Treaty li jipprovdi li "*Community action shall not go beyond what is necessary to achieve the objectives of the Treaty*" .

F'talba dwar il-proporzjonalita', l-interessi relevanti ghandhom ikunu identifikati u kalkolati sabiex dawn ikunu bilancjati fil-konfront ta' xulxin. Wiehed ghandu iqis jekk il-mizura li ttiehdet kienitx desiderabbli sabiex jintlahaq l-ghan taghha, jekk tali mizura kienitx necessarja sabiex l-ghan jintlahaq, jekk imponietx piz fuq l-individwu li kien eccessiv meta tqis l-oggettiv li kellu jintlahaq mill-intimat. Il-Qorti ghandha tqis mhux biss it-tip ta' test li ghandu jigi osservat izda ukoll is-severita' li ghandha tigi applikata.

Fil-fatt hemm tlett kazijiet fejn att amministrattiv jista jigi iccalingjat a bazi ta' proporzjonalita' u l-intensita' ta' review. Hemm dawk il-kazijiet fejn l-individwu jargumenta li d-drittijiet tieghu gew ristretti minhabba decizjoni amministrattiva. Hawnhekk jigi applikat grad gholi ta' skrutinju minkejja li

hemm xi drittijeit li m'humiex assoluti, l-interferenza ghandha dejjem tinzamm fil-minimu taghha. Ghalhekk il-proporzjonalita' hija zieda naturali u necessarja ghal rikonoxximent ta' dawn l-obbligi.

Fit-tieni lok hemm kazijiet fejn l-attakk huwa fuq l-piena imposta fejn hawnhekk il-piena hija wahda eccessiva li mhux il-kaz.

U t-tielet cirkostanza fejn l-individwu jargumenta li d-decizjoni mehuda mill-ammisntirazzjoni mhix proprorzjonata. Hawnhekk l-Qrati ghandhom ikunu kawti u m'ghandhomx idawru decizjonijiet amministrattivi ghaliex jahsbu li kien hemm mod ahjar ta' kif kellhom isiru l-affarijiet. Id-decizjoni ghandha tigi revokata BISS jekk kien hemm mizura mhux proporzjonata.

Dan il-principju ta' proporzjonalita' gie l-ahjar zviluppat fil-Germanja, u hemmhekk hemm tlett fatturi li jirregolaw dan il-fattur u cioe':

- L-ghan siewi li ghandu jigi addottat sabiex l-ghan oggettiv jigi milqugh
- In-necessita' tal-misura in dusputa (m'ghandu jkun hemm l-ebda xelta ohra li tkun inqas ghall-liberta' tal-individwu)
- Il-proporzjonalita' tal-mizura ghar-restrizzjonijiet li huma gja involuti.

Illi fil-fehma tal-Qorti una volta Oliver Zammit li huwa r-rapprezentant tal-ufficju tac-CITES li jaqa' taht id-Direttorat tal-Ambjent li tahtha jaqa' ir-Regolament tal-Kunsill 338/97 stqarr li huwa ma kellux oggezzjoni li l-arloggi jigu rilaxxjati u jinzammu BISS ic-cineg, l-intimat messu ha din id-decisjoni billi rrilaxxja l-arloggi BISS wahedhom minghajr ic-cineg. Tali mizura kienet tkun wahda aktar proporzjonata fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Din il-Qorti ma taqbilx li l-arloggi ghandhom jigu kunsidrati bhala oggetti projbiti u dan ghaliex fl-ewwel lok id-dazju taghhom gie imhallas u kieku

gew mhux akkompanjati b'dawn ic-cineg, il-problema odjerna ma kinitx tinqala' u ghalhekk zgur li *ut sic* dawn l-arloggi ma jistghux jigu kunsidrati bhala merkanzija projbita. Jista' jinghad li s-semplici fatt li c-cineg mhumiex in regola mar-Regolament tal-Kunsill fuq indikat, ma jfissirx illi dawn l-oggetti jistghu jissejhu oggetti projbiti u dan ghaliex una volta ikun hemm ic-certifika tas-CITES, dawn l-oggetti ikunu jistghu jigu importati liberament. L-provvediment 60 tal-Kapitolu 37 ghandu japplika **biss** ghal merkanzija li hi pprojbita fiha nnifisha u mhux li tkun tiddependi fuq fatturi estranji bhal f'dan il-kaz ic-certifikat tas-CITES.

Vera li *dura lex et lex* pero' zgur li mhux l-iskop tal-Legislatur meta ippromulga dan l-Artikolu 60 tal-Kap 37 li kien qed jirreferi ghal sitwazzjoni bhal din meta l-ufficcju tas-CITES zgur li ma kienx ghadu krejat. L-importazzjoni per se ta' dawn l-arloggi ma kinitx wahda ipprojbita izda semmai kienet wahda li kellha bzonn aktar dokumentazzjoni minn merkanizja ohra. Jigi rilevat ukoll li l-artikolu 60 (b) tal-Kapitolu 37 citati mill-intimat jaqa' taht it-Taqsima XI intitolat "biex jinzamm il-kontrabandu ..." . Zgur li l-arloggi kienu destinati li jidhlu hawn Malta b'mod legittimu tant li anke thallset id-dwana fuqhom u li huma deskritti kemm fl-airway bill kif ukoll fl-export license li gew mghoddija lill-ufficcju tad-Dwana.

**Ghalhekk din il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba rikorrenti fil-konfront ta' l-intimati Avukat Generali, Ministru tal-Finanzi, Awtorita' Maltija dwar l-Ambjent u Ippjanar u l-Kummissarju tat-Taxxi stante li dawn gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell nhar is-26 ta' Novembru 2014, qieghda tilqa' it-talba rikorrenti sabiex l-intimat Direttur tad-Dwana jirrilaxxja t-tlett arloggi minghajr ic-cineg kif deskritti fil-fattura relattiva u mmarkata Dok A u ndikata fin-nota ta' Qbid datata 10 ta' Mejju 2013 esebita u mmarkata bhala Dok B (fol**

**8) u konsegwentement tichad l-eccezzjonijiet tal-istess intimat Direttur Generali tad-Dwana maghmula ai fini ta' dawn l-istess tlett arloggi.**

**L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-istess intimat Direttur Generali tad-Dwana.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**